



**OPINJONI Nru 04/2009**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI**

**tal-11 ta' Diċembru 2009**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol**

***“Liċenzji ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru għal inġenji tal-ajru mhux kumplessi”***

## I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni sabiex temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2042/2003<sup>1</sup>. Ir-raġunijiet għal din l-attività ta' ħolqien ta' regoli huma deskritti hawn taħt.
2. L-Opinjoni ġiet adottata, wara li ġiet segwita l-proċedura speċifikata mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija)<sup>2</sup>, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru. 216/2008<sup>3</sup> (ir-Regolament Bażiku).

## II. Konsultazzjoni

3. Għalkemm ir-Regolament (KE) Nru. 2042/2003 diġà jistabbilixxi fl-Anness III tiegħu (Parti 66) sistema ta' ħruġ ta' liċenzji għaċ-ċertifikazzjoni tal-persunal, matul ir-reviżjoni tal-Parti M għal inġenji tal-ajru mhux involuti fi trasport kummerċjali bl-ajru (kompitu M.017) kif ukoll bħala riżultat tal-konsultazzjoni li saret permez ta' A-NPA14/2006, numru sinifikanti ta' persuni kkonċernati esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-fatt li s-sistema ta' ħruġ ta' liċenzji preżenti ma kinitx adatta għall-komplessità iktar baxxa ta' inġenji tal-ajru żgħar tal-Avjazzjoni Ġenerali.
4. Sabiex tindirizza din il-kwistjoni, l-Aġenzija ħolqot kompitu ta' Ħolqien ta' Regoli 66.022 u l-grupp korrispondenti tal-abbozzar, kompost minn rappreżentanti ta' awtoritajiet nazzjonali u assoċjazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ħfief u tal-industrija tal-inġenji tal-ajru ħfief ħafna. L-għan kien li tiġi evalwata s-sitwazzjoni, tiġi sottomessa proposta u jiġu żviluppata linji gwida sabiex tinħareġ opinjoni biex tiġi mmodifikata l-Parti 66 u/jew deċiżjoni biex tiġi mmodifikata AMC għal din il-Parti f'relazzjoni mat-ToR 66-022.
5. Matul l-abbozzar, il-grupp iffoka l-ħidma tiegħu fuq liċenzji li jkopru airframes, impjanti tal-enerġija u sistemi tal-elettriku flimkien ma' xi privileġġi limitati tal-avjonika. L-ekwivalenti għal liċenzja B2 adattata għall-ambjent tal-Avjazzjoni Ġenerali ma ġietx ikkunsidrata mill-grupp u ser tkun is-suġġett ta' azzjoni ta' ħolqien ta' regoli fil-futur (kompitu 66.027).
6. Fuq il-bażi tal-kontribut tal-grupp tal-abbozzar, l-Aġenzija ħarġet l-NPA 2008-03 fit-28 ta' Marzu 2008 fuq il-websajt tagħha fuq: ([http://www.easa.europa.eu/ws\\_prod/r/r\\_archives.php](http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php)).

<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. **1056/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 (ĠU L 283, 28.10.2008)**.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida. AESA MB 08-2007 tal-11.06.2007 ("Proċedura għall-Ħolqien ta' Regoli").

<sup>3</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, 19.03.2008, p.1).

7. Sad-data tal-għeluq tat-28 ta' Ġunju 2008, l-Aġenzija kienet irċeviet 177 kumment minn 39 Awtorità Nazzjonali tal-Avjazzjoni, organizzazzjonijiet professjonali u persuni/organizzazzjonijiet privati.
8. Sabiex tirrevedi dawn il-kummenti, l-Aġenzija ħolqot grupp ta' reviżjoni kompost mill-membri tal-grupp ta' ħidma 66.022 flimkien ma' persuna mill-Istandardizzazzjoni u Approvazzjonijiet (Aġenzija) u persuna mill-industrija li kienet esprimiet opinjoni kuntrarja lill-NPA2008-03. Bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, l-Aġenzija ppubblikat is-CRD2008-03 fis-16 ta' Settembru 2009, li kien fiha r-risposti għal kull kumment u t-test propost għar-regola u għall-AMC/GM.
9. Huwa importanti li wieħed josserva f'dan il-punt li l-grupp ta' reviżjoni kkunsidra wkoll il-kummenti li rċieva matul il-konsultazzjoni tal-NPA2007-07, b'mod speċjali dawk relatati ma' "Klassifikazzjonijiet tat-tip u klassifikazzjonijiet tal-Grupp".
10. Wara li ġiet ippubblikata s-CRD2008-03, l-Aġenzija organizzat workshop fid-29 ta' Ottubru 2009 f'Cologne sabiex tispjega l-kontenut tiegħu u sabiex tgħin lill-partijiet ikkonċernati jifhmu l-proposta qabel is-sottomissjoni ta' reazzjonijiet.
11. Bħala riżultat tal-konsultazzjoni esterna tas-CRD2008-03, li ntemmet fis-16 ta' Novembru 2009, l-Aġenzija rċeviet reazzjonijiet mingħand:
  - 5 awtoritajiet kompetenti: AustroControl – L-Awstrija, CAA – L-Olanda, CAA – L-Iżvezja, CAA – Ir-Renju Unit u DGAC - Franza.
  - 11-il organizzazzjoni u assoċjazzjoni: British Gliding Association (Assoċjazzjoni tal-Glajding Brittannika), European Gliding Union (Unjoni Ewropea tal-Glajding), Danish Soaring Association (DSvU) (Assoċjazzjoni Daniża tat-Tajran), Europe Air Sports (Sports Ewropej tal-Arja), Deutsche Aeroclub (Klabb Ġermaniż tat-Tajran), European Sailplane Manufacturers (Manifatturi Ewropej tas-Sailplanes), Finnish Aeronautical Association (Assoċjazzjoni Finlandiża tal-Ajrunawtika), Aircraft Association of the Czech Republic (Assoċjazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru tar-Repubblika Ċeka), Flightdesign, Royal Danish Aeroclub (Klabb tat-Tajran Irjali Daniż) u d-Dutch Gliding Association (Assoċjazzjoni Daniża tal-Glajding).
  - Individwu wieħed.

Dawn ir-reazzjonijiet huma analizzati fid-dettall fid-Dokument Mehmuż.

### **III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija**

12. Din l-opinjoni tikkunsidra kemm jista' jkun is-suġġerimenti li saru mill-bosta persuni kkonċernati li pparteċipaw fil-konsultazzjoni u li taw ir-reazzjonijiet tagħhom għas-CRD.
13. Fid-dawl tal-ġerarkija tar-regoli tal-AESA, din l-opinjoni tindirizza biss il-bidliet li l-Aġenzija tissuġġerixxi għar-Regolamenti tal-Kummissjoni applikabbli (Parti 145, Parti 66 u Parti 147); il-mezzi relatati ta' konformità (AMC) u materjal ta' gwida (GM), li ġew iddettaljati f'CRD, jistgħu u ser jinħarġu biss mill-Aġenzija meta r-regolamenti hawn fuq imsemmija jkunu ġew adottati mill-Kummissjoni. Madankollu għandu jkun ċar li l-miżuri ppreżentati f'din l-opinjoni għandhom jinqraw flimkien mal-imsemmija AMC u GM bħala parti minn pakkett miftiehem.

**a) Liċenzja B3**

14. L-ewwel azzjoni meħuda mill-Aġenzija hija l-proposta għal liċenzja B3 ġdida, simili għall-B1.2, iżda b'rekwiżiti ssimplifikati adattati għall-kumplessità aktar baxxa ta' ajruplani ħfief tal-Avjazzjoni Ġenerali b'magni li jaħdmu bil-pistons.
15. Din il-liċenzja B3 proposta mill-Aġenzija hija applikabli għal "ajruplani mhux bil-pessjoni b'magni bil-pistons ta' 2000 kg MTOM u inqas". Għalkemm inizzjalment fl-NPA2008-03 din il-liċenzja kienet applikabbli wkoll għal sailplanes u sailplanes b'magni, l-Aġenzija ddeċidiet li tneħħihom għar-raġunijiet li ġejjin:
- sailplanes u sailplanes b'magni huma diġà koperti mil-liċenzja L.
  - L-intenzjoni hija li l-liċenzja B1.2, li ma tkoprix sailplanes u sailplanes b'magni, tinkludi awtomatikament il-liċenzja B3. Dan huwa possibbli biss jekk il-liċenzja B3 ma tinkludix sailplanes u sailplanes b'magni.

Madankollu, u fuq il-bażi tar-reazzjonijiet li ġew irċevuti matul il-konsultazzjoni tas-CRD2008-03, l-Aġenzija pproponiet li tippermetti lid-detenturi ta' liċenzji B1.2 u B3 li jiksbu, mingħajr rekwiżiti ulterjuri, liċenzja Sħiħa-L bil-klassifikazzjoni "inġenju tal-ajru tal-injam", "inġenji tal-ajru b'materjali sintetiċi" u "inġenju tal-ajru tal-metall", sakemm il-liċenzja B1.2 / B3 ma jkunx fiha limitazzjoni dwar il-materjal korrispondenti tal-istruttura (irreferi għal 66.A.25(d), 66.A.30(a)8 kif emendati u għall-Appendiċi IV tal-Parti 66). Dan għandu jippermetti lid-detenturi eżistenti ta' liċenzji B1.2 u B3 biex joħorġu ċertifikati ta' rilaxx għas-servizz fuq sailplanes u sailplanes b'magni.

16. Il-privileġġi ta' din il-liċenzja jinkludu l-istruttura tal-inġenji tal-ajru, impjant tal-enerġija, sistemi mekkaniċi u elettriki u avjoniċi limitati, li huma simili għall-privileġġi tal-liċenzja B1.2 ħlief għall-firxa ta' inġenji tal-ajru koperti u l-fatt li l-liċenzja B3 ma tinkludi ebda sottokategorija A.
17. Ir-rekwiżiti bażiċi ta' għarfien u eżaminazzjoni għal-liċenzja B3 ġew inklużi fl-Appendiċi I u Appendiċi II eżistenti għall-Parti 66. Fil-każ tal-eżaminazzjonijiet, ġie żgurat li n-numru ta' domandi għal kull modulu huwa dejjem multiplu ta' 4, sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji tal-marka ta' 75% biex wieħed jgħaddi.
18. Għal dawk il-każijiet fejn organizzazzjoni tal-Parti 147 tagħti kors ta' għarfien bażiku B3 it-tul għandu jkun ta' 1000 siegħa, kif indikat fl-Appendiċi I għall-Parti 147. Dan it-tul huwa nofs l-2000 siegħa meħtieġa għall-kors B1.2, li huwa ġġustifikat minn dan li ġej:
- Il-livell ta' taħriġ għas-suġġetti differenti ġie mnaqqas fir-rigward tal-B1.2 minħabba l-kumplessità aktar baxxa tal-inġenji tal-ajru koperti.
  - Ġew maħluqa moduli separati 7B, 9B, 11C u 17B għal-liċenzja B3 u l-ismijiet tal-moduli preżenti 7, 9 u 17 inbidlu għal 7A, 9A u 17A. Dan sar sabiex jiġi żgurat li meta l-livell ta' taħriġ (livelli 1, 2 jew 3) għal xi suġġetti jkun l-istess bħal għall-B1.2, dan ma jfissirx li l-kontenut tat-taħriġ ikun l-istess. Fil-fatt, il-kontenut tal-kors għal-liċenzja B3 irid jiġi żviluppat billi titqies il-kumplessità aktar baxxa tat-teknoloġija u l-ambjent ta' manutenzjoni li tinsab f'din il-kategorija ta' inġenji tal-ajru.
19. Il-ħolqien ta' moduli separati għal-liċenzja B3 ifisser li dawn il-moduli 7B, 9B, 11C u 17B ma jistgħux jiġu kkreditati awtomatikament bħala ekwivalenti għall-moduli korrispondenti 7A, 9A, 11A, 11B u 17A meta liċenzja B3 eżistenti tiġi estiża għal kategoriji/sottokategoriji oħrajn, anki jekk il-livell ta' taħriġ ikun l-istess. Din hija konsegwenza tal-objettiv ewlieni tal-kompitu, li kien li jkun hemm liċenzja b'rekwiżiti ta' taħriġ sostanzjalment aktar baxxi mill-B1.2 eżistenti.

20. Ir-rekwiżiti bażiċi ta' esperjenza (66.A.30) inżammu identiċi għal dawk tal-liċenzja B1.2, b'medda minn sena sa tliet snin skont it-taħriġ tekniku preċedenti li l-applikant ikun irċieva.
21. L-Appendiċi IV għall-Parti 66 ġiet emendat sabiex jinkludi l-perjodu ta' esperjenza addizzjonali meħtieġa għall-estensjoni ta' liċenzja B3 għal kategoriji/sottokategoriji oħrajn jew għall-estensjoni ta' kategorija/sottokategorija eżistenti għal liċenzja B3.
22. Sabiex jiġu eżerċitati l-privileġġi ta' ċertifikazzjoni l-liċenzja B3 għandha tkun approvata bil-klassifikazzjoni "ajruplani mhux bil-pessjoni b'magni bil-pistons ta' 2000 kg MTOM u inqas". Din il-klassifikazzjoni hija approvata fuq il-bażi li tintwera esperjenza xierqa, li tiġi spjegata ulterjorment fil-materjal korrispondenti tal-AMC bħala li tfisser:
- 50% tal-kompiti mill-Appendiċi II għal AMC applikabbli għal din il-klassifikazzjoni.
  - Taħt is-superviżjoni ta' persunal awtorizzat ta' ċertifikazzjoni.
23. Madankollu, din il-klassifikazzjoni tkun soġġetta għal-limitazzjonijiet li ġejjin jekk il-persuna ma tkunx tista' turi esperjenza xierqa dwarhom:
- Ajruplani b'qafas tal-injam.
  - Ajruplani b'qafas ta' tubi tal-metall miksija b'materjal minsuġ.
  - Ajruplani b'qafas tal-metall.
  - Ajruplani b'qafas ta' materjali sintetiċi.

Huwa importanti li wieħed josserva hawnhekk li fl-NPA2008-03 in-numru ta' limitazzjonijiet kien akbar, inklużi wkoll limitazzjonijiet għal:

- Tagħmir tal-inżul li jinġibed lura.
- Skrun varjabbli tal-pitch.
- Magna ċċarġjata turbo.
- Magna elettrika u/jew magna b'ġett (fuq sailplanes b'magni).
- FADEC.

Madankollu, dawn il-limitazzjonijiet addizzjonali tneħħew mill-proposta finali b'koordinazzjoni mal-grupp ta' reviżjoni korrispondenti għall-NPA2007-07 fejn kienu ddaħħlu limitazzjonijiet simili għall-inġenji tal-ajru tal-Grupp 2 u l-Grupp 3 (kompitu 66.009).

Ir-raġunijiet għat-tneħħija tal-limitazzjonijiet relatati ma' dawn is-sistemi huma dawn li ġejjin:

- Seta' jitqajjem l-argument għalfejn intgħażlu dawn is-sistemi u mhux oħrajn.
- Is-sistema għall-approvazzjoni u t-tneħħija ta' limitazzjonijiet tista' toħloq piż sinifikanti għall-awtoritajiet kompetenti u d-detenturi ta' liċenzji.
- Madankollu, id-detentur tal-liċenzja xorta jrid ikopri r-rekwiżiti bażiċi kollha dwar l-għarfien u l-esperjenza.

Barra minn hekk, bħala miżura ta' kumpens, ser tiddaħħal dispożizzjoni fl-opinjoni li tirriżulta mis-CRD2007-07, fil-punt 66.A.20(b), b'materjal addizzjonali tal-AMC, sabiex ikun ferm ċar li l-persunal ta' ċertifikazzjoni ma jistgħux jeżerċitaw privileġġi ħlief jekk ikunu kompetenti fuq l-inġenji tal-ajru partikolari. Dan isaħħaħ ir-responsabbiltà preżenti tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jew tal-persunal indipendenti ta' ċertifikazzjoni sabiex tiġi żgurata din il-kompetenza qabel ma' jiġu rilaxxati inġenji tal-ajru.

24. Il-limitazzjonijiet approvati fuq il-liċenzja:
- Ifissru "esklużjonijiet" mill-privileġġi ta' ċertifikazzjoni.
  - Jaffettwaw l-inġenju tal-ajru kollu. Xejn ma jista' jiġi rilaxxat fuq l-inġenju tal-ajru ħlief kompiti ta' manutenzjoni tal-bdot/sid.

- Jistgħu jitneħħew permezz ta':
  1. Prova ta' esperjenza xierqa (li ser tiġi spjegata aktar f'AMC), jew
  2. Evalwazzjoni prattika mwettqa mill-awtorità kompetenti.

66.B.115 ġiet emendata kif imiss sabiex tinkludi r-rekwiżiti għat-tneħħija ta' limitazzjonijiet mill-awtorità kompetenti (apparti dawk li jirriżultaw mill-konverżjoni ta' kwalifiki nazzjonali skont 66.A.70).

25. Fl-Appendiċi V tal-Parti 66, il-Formola 19 (Formola ta' Applikazzjoni) u l-Formola 26 (Eżempju tal-format tal-liċenzja) ġew emendati biex jirriflettu l-kategoriji ġodda ta' liċenzji (kemm il-liċenzja B3 kif ukoll L). Il-Formola 26 ġiet maqsuma fil-Formola 26A (il-liċenzji kollha ħlief għal-liċenzja L) u l-Formola 26B (liċenzja L).
26. L-Appendiċi II tal-Parti 147 ġie emendat biex jinkludi l-korsijiet bażiċi għall-kategoriji ta' liċenzji ġodda (kemm il-liċenzja B3 kif ukoll L).

### **b) Liċenzja L**

27. It-tieni azzjoni li ttieħdet mill-Aġenzija hija l-proposta ta' liċenzja L ġdida, b'rekwiżiti ferm issimplifikati, u applikabbli għal sailplanes, sailplanes b'magni, blalen tal-arja u ħafna mill-airships. Din l-azzjoni ser tistandardizza s-sistema ta' ħruġ ta' liċenzji għal sailplanes, sailplanes b'magni, blalen tal-arja u airships, li preżentament huma koperti minn regoli nazzjonali, biex b'hekk jinkiseb livell uniformi ta' sigurezza waqt li jitjeb is-suq komuni. Persuni li jkollhom dawn il-liċenzji ser ikunu jistgħu jaħdmu bħala persunal indipendenti ta' ċertifikazzjoni jew fi ħdan xi organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata u ser ikunu jistgħu jiċċertifikaw inġenji tal-ajru rreġistrati fi kwalunkwe Stat Membru. Barra minn hekk, il-liċenzja L ser tkun applikabbli wkoll għal ajruplani b'MTOM ta' inqas minn 1000 Kg.
28. L-intenzjoni tal-Aġenzija meta għażlet l-inġenji tal-ajru koperti bil-Liċenzja L kienet din li ġejja:
- Li tiegħu vantaġġ mill-kategoriji tal-inġenji tal-ajru ddefiniti fl-NPA2008-07 (kompitu MDM.032), fejn bħalissa qed jiġi ddefinit proċess ta' ċertifikazzjoni ELA1 u ELA2.
  - Li tinkludi l-inġenji tal-ajru kollha eliġibbli għall-proċess ELA1, flimkien mal-inġenji tal-ajru kollha eliġibbli għall-proċess ELA2 ħlief għal ajruplani ta' bejn 1000 Kg u 2000 kg MTOM u ħlief għal rotorcraft ħfief ħafna, li huma esklużi minħabba li huma wisq kumplessi għas-sillabu ssimplifikat stabbilit għal-Liċenzja L.
- Dan ifisser li l-Liċenzja L lanqas ma tkopri dawk l-airships bil-gass b'ekwipaġġ fuqhom li mhumiex inklużi fil-proċess ELA2.
29. Madankollu, l-Aġenzija tosserva li l-limitu ta' 1000 Kg inkluż fl-NPA2008-07 għall-proċess ELA1 aktarx li jinbidel għal 1200 Kg wara r-reviżjoni tal-kummenti li rċeviet għal dik l-NPA. Jekk dak huwa l-każ, l-opinjoni li ser tinħareġ mill-Aġenzija wara s-CRD2008-07 li ġejja ser tintroduċi l-istess bidla fil-limiti għal-Liċenzja L.
30. Il-Liċenzja L proposta hija maqsuma f'2 livelli: L-Limitata u L-Šhiha. Id-differenza hija li l-L-Limitata ma tippermettix il-ħruġ ta' ċertifikat ta' rilaxx għal servizz wara spezzjonijiet b'intervall ta' aktar minn 100 siegħa / annwali jew wara l-implimentazzjoni ta' tiswijiet maġġuri jew modifiki maġġuri. Din kienet emenda li ddaħħlet wara r-reazzjonijiet li ngħataw għas-CRD2008-03.

31. Kull wieħed minn dawn il-livelli ta' liċenzji jistgħu jinkludu klassifikazzjonijiet differenti, li jistgħu jintgħażlu mill-applikant skont il-qasam fejn ikun jixtieq jeżerċita l-privileġġi ta' ċertifikazzjoni. Dawn il-klassifikazzjonijiet huma speċifikati f'66.A.1(d).
32. B'mod simili għal-liċenzja B3, l-NPA2008-03 ikkunsidrat l-introduzzjoni tal-limitazzjonijiet li ġejjin fuq il-Liċenzja L jekk l-applikant ma jkunx jista' juri esperjenza xierqa:
- Tagħmir tal-inżul li jinġibed lura.
  - Skrun varjabbli tal-pitch.
  - Magna ċċarġjata turbo.
  - Magna elettrika u/jew magna b'ġett (fuq sailplanes b'magni).
  - FADEC.

Madankollu, dawn il-limitazzjonijiet tneħħew mill-proposta finali bl-istess mod bħal għal-liċenzja B3, b'koordinazzjoni mal-grupp ta' revizzjoni li jikkorrispondi għall-NPA2007-07 fejn iddaħħlu limitazzjonijiet simili għall-Inġenji tal-ajru tal-Grupp 2 u l-Grupp 3 (kompitu 66.009).

Ir-raġunijiet għat-tneħħija tal-limitazzjonijiet relatati ma' dawn is-sistemi huma dawn li ġejjin:

- Seta' jitqajjem l-argument għalfejn intgħażlu dawn is-sistemi u mhux oħrajn.
- Is-sistema għall-approvazzjoni u t-tneħħija ta' limitazzjonijiet tista' toħloq piż sinifikanti għall-awtoritajiet kompetenti u d-detenturi ta' liċenzji.
- Madankollu, id-detentur tal-liċenzja xorta jrid ikopri r-rekwiżiti bażiċi kollha ta' tagħrif u esperjenza.

Barra minn hekk, bħala miżura ta' kumpens, ser tiddaħħal dispożizzjoni fl-opinjoni li tirriżulta mis-CRD2007-07, fil-punt 66.A.20(b), b'materjal addizzjonali tal-AMC, sabiex ikun ferm ċar li l-persunal ta' ċertifikazzjoni ma jistgħux jeżerċitaw privileġġi ħlief jekk ikunu kompetenti fuq l-inġenji tal-ajru partikolari. Dan isaħħaħ ir-responsabbiltà preżenti tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni jew tal-persunal indipendenti ta' ċertifikazzjoni sabiex tiġi żgurata din il-kompetenza qabel ma' jiġu rilaxxati inġenji tal-ajru.

Ovvjament, il-limitazzjonijiet relatati mal-materjal tal-istruttura (injam, tubi tal-injam b'materjal minsuġ, materjal sintetiku u metall), li jeżistu fuq il-liċenzja B3 mhumiex applikabbli għal-Liċenzja L peress li dawn il-materjali huma diġà ristretti mill-klassifikazzjonijiet approvati fuq il-Liċenzja L.

Bħala konsegwenza, il-Liċenzja L proposta mill-Aġenzija ma fiha ebda limitazzjoni.

33. Fir-rigward tal-privileġġi tal-Liċenzja L, dawn jinkludu l-istruttura tal-inġenji tal-ajru, impjant tal-enerġija, sistemi mekkaniċi u elettriċi u avjoniċi limitati. Din il-Liċenzja L ma tistax tiġi estiża f'xi kategorija/sottokategorija oħra minħabba r-rekwiżiti ferm issimplifikati tagħha ta' kwalifikazzjoni. Madankollu, dan ma jwaqqafx lill-awtoritajiet kompetenti milli tagħti krediti ta' eżaminazzjoni jekk tkun tista' tintwera ekwivalenza skont 66.A.25(e).
34. Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' taħriġ u eżami, dawn jistgħu jiġu sinteżizzati skont kif ġej:
- It-taħriġ għandu jsir skont is-sillabu li jinsab fl-Appendiċi VII tal-Parti 66. Is-suġġetti jiddependu fuq il-livell tal-liċenzja (Limitata jew Sħiħa) u fuq il-klassifikazzjonijiet mitluba mill-applikant, b'kors għal klassifikazzjoni waħda għal-Liċenzja L Limitata li jista' jitlesta fi żmien ġimgħatejn sa tliet ġimgħat. It-taħriġ jista' jiġi ssostitwit b'esperjenza addizzjonali.
  - Exami skont l-Appendiċi VIII ġdid tal-Parti 66, li ma jistax jiġi ssostitwit b'esperjenza.

35. Barra minn hekk, ġew stabbiliti rekwiżiti ta' esperjenza f'66.A.30(a)6 u 7, li jistgħu jiġu sinteżizzati skont kif ġej:
- Għal-Liċenzja L Limitata:
    1. Sitt xhur għal applikanti li segwew it-taħriġ tal-Appendiċi VII u li għaddew mill-eżami tal-Appendiċi VIII.
    2. Sena għall-applikanti li għaddew mill-eżami tal-Appendiċi VIII iżda li ma għamlux it-taħriġ.
  - Għal-Liċenzja L shiġha, sena ta' eżerċizzju tal-privileġġi tal-Liċenzja L Limitata.

### **c) Konverżjoni u dispożizzjonijiet tranżitorji**

36. Għalkemm in-Nota ta' Spjegazzjoni tal-NPA2008-03 iddikjarat li proċess ta' konverżjoni ta' kwalifiki nazzjonali fil-Liċenzji l-ġodda B3 u L ma kienx previst, in-numru ferm sinifikanti ta' kummenti li ngħataw matul il-proċess ta' konsultazzjoni tal-NPA li opponew dan l-approċċ u li jiġġustifikaw b'mod adegwat il-ħtieġa għal tali konverżjoni wasslu lill-Aġenzija biex tippermettihom. Dawn il-konverżjonijiet jistgħu jsiru skont il-proċedura eżistenti deskritta f'66.A.70.
37. Din il-konverżjoni, la darba ssir, ser tippermetti lil persunal eżistenti ta' ċertifikazzjoni biex ikollhom Liċenzja B3 jew L maħruġa fuq il-bażi tal-privileġġi li kellhom qabel ma jidħol fis-seħħ ir-regolament il-ġdid.
38. Barra minn hekk, u sabiex tiġi ffaċilitata aktar it-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida għal inġenji tal-ajru fejn ir-regola preżenti tippermetti l-użu ta' kwalifiki nazzjonali (inġenji tal-ajru appartati minn ajruplani u ħelikopters), iddaħħal paragrafu 8 ġdid fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, li jippermetti l-koeżistenza tal-Liċenzja L u l-kwalifiki nazzjonali matul 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid. Wara dan il-perjodu ta' żmien, il-Liċenzja L tkun l-unika waħda aċċettabbli (din tista' tinkiseb jew permezz ta' konverżjoni jew billi jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-ġodda għall-ħruġ ta' tali liċenzja).
39. L-Aġenzija hawnhekk tosserva li l-NPA2008-03 kkunsidrat perjodu tranżitorju ta' 5 snin peress li ma kienx previst proċess ta' konverżjoni. Bħala konsegwenza, il-persuni kollha li japplikaw għal-Liċenzja L kien ikollhom bżonn jikkwalifikaw bis-shiġħ skont ir-rekwiżiti l-ġodda (taħriġ/eżami/esperjenza) u 5 snin ġie kkunsidrat bħala perjodu raġonevoli. Madankollu, f'din il-proposta finali, kif huwa spjegat hawn fuq, il-konverżjoni tal-kwalifika nazzjonali eżistenti ġiet introdotta, li jfisser li dawn il-persuni kollha m'għandhomx għalfejn jgħaddu mill-proċess ta' taħriġ/eżami/esperjenza. Għaldaqstant, il-perjodu ta' tranżizzjoni tnaqqas għal 3 snin, li l-Aġenzija tikkunsidra bħala suffiċjenti biex l-awtoritajiet kompetenti jimplimentaw is-sistema l-ġdida ta' ħruġ ta' liċenzji.
40. Finalment, huwa importanti li wieħed josserva li għad hemm xi sitwazzjonijiet, għal inġenji tal-ajru appartati minn ajruplani u ħelikopters, li mhumiex koperti mil-Liċenzja L. Dan huwa l-każ ta':
- Dawk l-airships li mhumiex koperti mil-Liċenzja L minħabba l-komplessità tagħhom.
  - Jaħdmu fuq sistemi tal-avjonika għal inġenji tal-ajru appartati minn ajruplani u ħelikopters.
- Dan ifisser li għal dawn il-każijiet, ir-regolamenti tal-Istati Membri rilevanti ser ikomplu japplikaw (66.A.100). Madankollu, fil-każ partikolari ta' xogħol fuq sistemi avjoniċi, din il-kwistjoni ser tiġi indirizzata kif spjegat qabel minn azzjoni futura ta' ħolqien ta' regoli (kompitu 66.027).



**IV. Stima tal-Impatt Regolatorju**

41.L-Istima tal-Impatt Regolatorju sħiħa tinsab fl-NPA 2008-03.

Cologne, 11 ta' Diçembru 2009

P. GOUDOU  
Direttur Eżekuttiv

**DOKUMENT MEHMUŻ: Reazzjonijiet għas-CRD2008-03****Reazzjonijiet relatati mal-proċess ta' konverżjoni ta' kwalifiki ta' persunal ta' ċertifikazzjoni fl-Avjazzjoni Ġenerali:**

- (1) Il-"European Sailplane Manufacturers", il-"European Gliding Union", il-"British Gliding Association", il-"Europe Air Sports", id-"Danish Soaring Association", ir-"Royal Danish Aeroclub" u individwu wiehded esprimew tħassib dwar kif id-dispożizzjonijiet eżistenti ta' konverżjoni ta' 66.A.70 ser jiġu applikati mill-awtoritajiet nazzjonali differenti u talbu lill-Aġenzija biex ir-regolament jiżgura t-trasferiment sħiħ tal-privileġġi mill-kwalifiki nazzjonali preżenti għall-persunal ta' ċertifikazzjoni għal-liċenzji korrispondenti tal-Parti 66.

F'dan ir-rigward l-Aġenzija tosserva li l-politika eżistenti relatata ma' 66.A.70 għat-tqabbil ta' standards ta' kwalifikazzjoni nazzjonali u tal-Parti 66 ma nbidlitx u ser tkompli tiġi applikata bħal qabel.

Fl-istess ħin l-Aġenzija hija tal-fehma li, minbarra din il-politika eżistenti, huwa sproporzjonat li jiġi applikat approċċ speċifiku għall-konverżjoni ta' kwalifiki fil-qasam tal-Avjazzjoni Ġenerali (inġenji tal-ajru mhux involuti fi Trasport Kummerċjali bl-Ajru appartati dawk kbar) ibbażat fuq il-politika eżistenti tal-AESA dwar l-Avjazzjoni Ġenerali, soġġett għall-introduzzjoni ta' ġabra aktar limitata ta' limitazzjoni.

Dan l-approċċ għandu jippermetti lid-detentur tal-liċenzja biex ikompli jwettaq l-istess attivitajiet ta' manutenzjoni li għalihom huwa jkun intitolat taħt is-sistema nazzjonali.

Ladarba tinħareġ il-liċenzja kkonvertita tal-Parti 66, din tkun għal kollox soġġetta għall-Parti 66. Konsegwentament, jekk id-detentur ikun jixtieq jestendi l-ambitu tal-liċenzja tiegħu kkonvertita tal-Parti 66 biex tiċċertifika wkoll attivitajiet oħrajn ta' manutenzjoni, tkun meħtieġa konformità sħiħa mal-Parti 66, li jkun ifisser ukoll li d-differenzi kollha bejn il-kwalifika ta' ċertifikazzjoni nazzjonali preċedenti u l-Parti 66 iridu jitwettqu.

L-eżitu tal-konverżjoni u t-tip ta' limitazzjonijiet li għandhom jiġu imposti fi ħdan il-liċenzja tal-Parti 66 jistgħu jiġu ddeterminati biss minn kull Stat Membru minħabba d-differenzi eżistenti bejn is-sistemi ta' liċenzji nazzjonali tal-Istati Membri. Din id-determinazzjoni għandha ssir wara approċċ ta' każ b'każ u fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet ta' sigurezza. Sabiex jinkiseb dan, għandhom jiġu kkunsidrati mhux biss il-kompiti konkreti li l-applikant kien intitolat li jwettaq fi ħdan is-sistema nazzjonali, iżda wkoll l-'ambjent' li fi ħdanu twettqu tali kompiti, jiġifieri s-sistema ta' ġestjoni u l-proċeduri tal-organizzazzjoni fejn l-applikant żviluppa l-kompiti tiegħu.

Il-konsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi tista' twassal għal limitazzjonijiet oħrajn appartati dawk marbuta speċifikament ma' sistemi jew strutturi ta' inġenji tal-ajru, pereżempju:

- Valida biss fl-organizzazzjoni XXXX.
- Valida biss għal inġenji tal-ajru b'pistun wiehded Cessna.
- Valida biss għal Cessna 172.
- Valida biss għal Cessna 172, reġistrazzjoni XXXX.

*Huwa importanti li jiġi nnotat ukoll dan li ġej:*

- Il-limitazzjoni "valida għal inġenji tal-ajru mhux involuti fi Trasport Kummerċjali bl-Ajru" għandha dejjem tkun preżenti.
- Indipendentament minn kwalunkwe limitazzjoni oħra, il-liċenzja mhijiex valida għal inġenji tal-ajru kbar.

L-Aġenzija għandha tipproduċi l-materjal AMC/GM sabiex tispjega dan l-approċċ speċifiku għall-Avjazzjoni Ġenerali.

- (2) Id-"Deutsche Aeroclub" ikkummentaw li, fis-sistema Ġermaniża, il-persunal b'liċenzja ta' manutenzjoni maħruġa mid-Deutsche Aeroclub jiffirmaw ix-xogħol tagħhom u jirrilaxxaw l-inġenji tal-ajru għat-titjiriet. Madankollu, huma for flight. However, huma semmew li din il-manutenzjoni ma tiġix riveduta u rilaxxata formalment (mill-Prüfer Klasse 3) sakemm issir ir-reviżjoni annwali tal-ajrunavigabbiltà. Bħala konsegwenza, huma talbu bidla għal 66.A.70 peress li jibzġu li bit-test preżenti l-awtorità kompetenti tagħhom mhux ser tikkonverti l-kwalifiki ta' dawn id-detenturi ta' liċenzji.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li, jekk il-kwalifiki li għandhom dawn id-detenturi ta' liċenzji huma legalment suffiċjenti biex juru li l-manutenzjoni mwettqa saret kif suppost u li f'dak ir-rigward l-inġenju tal-ajru jista' jtir, allura dawn il-kwalifiki jitqiesu bħala "kwalifiki tal-persunal ta' ċertifikazzjoni" u huma soġġetti għall-proċess ta' konverżjoni stabbilit f'66.A.70. Dan irrispettivament minn jekk id-detentur tal-liċenzja kienx attwalment qed jirrilaxxa inġenji tal-ajru u wkoll irrispettivament minn jekk kienx hemm bżonn li reviżjoni ta' ajrunavigabbiltà tiġi ffirmata minn Prüfer Klasse 3 f'data aktar tard.

Fir-Regolament EC2042/2003, il-proċess ta' manutenzjoni u l-proċess ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà huma kompletament separati. Il-persunal ta' ċertifikazzjoni huma involuti biss fir-rilaxx ta' manutenzjoni. Bħala konsegwenza, il-"kwalifiki tal-persunal ta' ċertifikazzjoni" deskritti f'66.A.70 huma kompletament indipendenti mill-proċess ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

- (3) "DGAC-France" talbet kjarifika dwar liema ser tkun id-data ta' referenza għall-proċess ta' konverżjoni fir-rigward tal-paragrafu li jinsab f'66.A.70 li jgħid "*Id-detentur ta' kwalifika ta' persunal ta' ċertifikazzjoni valida fi Stat Membru, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Parti....*".

L-Aġenzija ser iżżid materjal AMC/GM sabiex tikkjarifika li d-"data tad-dħul fis-seħħ" hija din li ġejja:

- Għal-liċenzja B3, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda.
- Għal sailplanes, sailplanes b'magni, blalen tal-arja, u dawk l-airships koperti mil-Liċenzja L skont 66.A.1(d), 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda (ara l-Artikolu 7(8)). Għal ajruplani ta' inqas minn 1000 Kg, li huma wkoll parti mil-Liċenzja L, id-data applikabbli tkun l-istess bħal għal-liċenzja B3 hawn fuq.

- (4) Ċertu numru ta' reazzjonijiet urew xi nuqqas ta' ftehim fir-rigward tal-proċess ta' konverżjoni.

Fuq dan il-punt l-Aġenzija tixtieq tagħmel dawn il-kjarifiki:

- Il-proċess ta' konverżjoni għal-Liċenzja L mhuwiex relatat mal-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin stabbilit taħt l-Artikolu 7, paragrafu 8. Il-proċess ta' konverżjoni jittrasferixxi kwalifika nazzjonali eżistenti f'liċenzja tal-Parti 66 li tista' tintuża mionn

hemm 'il quddiem u li m'għandha ebda data ta' skadenza apparti mill-proċess ta' tiġdid standard ta' kull 5 snin. Il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin jistabbilixxi perjodu li matulu l-kwalifika nazzjonali tista' tintuża xorta waħda.

- Il-konverżjonijiet dejjem isiru mill-awtoritajiet kompetenti.
- Il-konverżjonijiet mhumiex proċess volontarju għall-awtoritajiet kompetenti. Huwa proċess obbligatorju li jrid jitwettaq fuq talba ta' kwalunkwe persuna li jkollha kwalifika valida ta' persunal ta' ċertifikazzjoni fi Stat Membru.
- M'hemmx bżonn ta' eżami sabiex kwalifika nazzjonali tiġi kkonvertita. L-eżamijiet huma meħtieġa biss sabiex jitneħħewg dawk il-limitazzjonijiet possibbli introdotti matul il-konverżjoni. Din hija opzjoni għad-detentur tal-liċenzja.

#### **Reazzjonijiet relatati mal-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin stabbilit fl-Artikolu 7, paragrafu 8:**

- (5) Il-"European Sailplane Manufacturers" kienu tal-fehma li l-perjodu ta' tranżizzjoni ta' 3 snin kien qasir wisq.

L-Aġenzija tosserva hawnhekk li l-NPA2008-03 ikkunsidrat perjodu ta' tranżizzjoni ta' 5 snin peress li ma kienx previst proċess ta' konverżjoni. Bħala konsegwenza, il-persuni kollha li japplika għal-Liċenzja L kien ikollhom bżonn jikkwalifikaw bi sħiħ skont ir-rekwiżiti l-ġodda (taħriġ/eżami/esperjenza). Madankollu, f'din il-proposta finali, il-konverżjoni ta' kwalifika nazzjonali eżistenti ġiet introdotta, li jfisser li dawk il-persuni kollha m'għandhomx għalfejn jgħaddu mill-proċess ta' taħriġ/eżami/esperjenza. Konsegwentement, il-perjodu ta' tranżizzjoni ġie mnaqqas għal 3 snin, li l-Aġenzija tikkunsidra bħala suffiċjenti sabiex l-awtoritajiet kompetenti jimplimentaw is-sistema ta' ħruġ ta' liċenzji il-ġdida.

#### **Reazzjonijiet relatati mal-privileġġi tal-liċenzja B3:**

- (6) Il-"European Sailplane Manufacturers" talbu li l-liċenzja B3 tkun tinkludi privileġġi għal sailplanes u sailplanes b'magni jew, inkella, mod ekonomiku ħafna għal deterntur ta' liċenzja B3 biex jikseb Liċenzja L.

L-Aġenzija mhijiex favur li dawn il-privileġġi jiġu inklużi fil-liċenzja B3, għar-raġunijiet li ġejjin:

- Ma jkunx possibbli għal-liċenzja B1.2 li tinkludi awtomatikament il-B3, ħlief jekk il-B1.2 tkun tinkludi wkoll il-privileġġi għal sailplanes u sailplanes b'magni. Madankollu, dan jaffettwa wkoll id-definizzjoni tal-liċenzja B1.2 peress li ma jkunx applikabbli biss għal ajruplani (sailplane mhumiex ajruplan).
- Dan jista' jagħti l-impressjoni li l-ksib ta' esperjenza fuq sailplanes ikun biżżejjed sabiex tinkiseb il-klassifikazzjoni ta' "Ajruplani mhux bil-pressjoni b'magni bil-pistons ta' 2000 kg MTOM u inqas" fil-liċenzja B3 (deskritta f'66.A.45(i)) jew il-klassifikazzjoni tal-Grupp 3 fil-liċenzja B1.2 (deskritta f'CRD2007-07).

Madankollu, peress li l-Aġenzija hija favur li żżid in-numru ta' persuni intitolati biex jiċċertifikaw sailplanes u sailplanes b'magni, hija pproponiet li tippermetti lid-detenturi ta' liċenzji B1.2 u B3 biex jiksibu, mingħajr rekwiżiti ulterjuri, Liċenzja L Sħiħa bil-

klassifikazzjonijiet "inġenju tal-ajru tal-injam", "inġenju tal-ajru ta' materjal sintetiku" u "inġenju tal-ajru tal-metall", kemm-il darba l-liċenzja B1.2 / B3 ma jkunx fiha limitazzjoni fuq il-materjal tal-istruttura korrispondenti (irreferi għal 66.A.25(d), 66.A.30(a)8 kif emendati u l-Appendiċi IV tal-Parti 66). Dan għandu jippermetti lid-detenturi eżistenti ta' liċenzji B1.2 u B3 biex joħroġu ċertifikati ta' rilaxx għal servizz fuq sailplanes u sailplanes b'magni.

AMC/GM ser tinħareġ mill-Aġenzija sabiex tikkjarifika li jekk detentur ta' liċenzja B1.2 / B3 ikun jixtieq jikseb Liċenzja L bi klassifikazzjoni ta' "inġenju tal-ajru tal-injam", is-sentenza "kemm-il darba l-liċenzja B1.2 / B3 ma jkunx fiha limitazzjoni fuq il-materjal tal-istruttura korrispondenti" tfisser li la jkun fiha l-limitazzjoni ta' "inġenju tal-ajru tal-injam" u lanqas il-limitazzjoni "inġenju tal-ajru tat-tubi tal-metall u materjal minsuġ".

### **Reazzjonijiet relatati mal-limitazzjonijiet fuq il-liċenzja B3:**

- (7) "CAA-United Kingdom" u "AustroControl-Austria" ikkummentaw li għal-Liċenzja L, il-klassifikazzjoni "inġenju tal-ajru tal-injam" tinkludi tubi tal-metall bil-materjal minsuġ. Madankollu, hemm limitazzjonijiet separati għal "inġenju tal-ajru tal-injam" u "inġenju tal-ajru tat-tubi tal-metall u materjal minsuġ" għal-liċenzji B3 u B1.2.

L-Aġenzija tinnota li dawn huma suġġetti differenti:

- Fil-każ tal-Liċenzja L qegħdin nitkellmu dwar klassifikazzjonijiet u mhux limitazzjonijiet. Id-detenturi kollha ta' liċenzji bi klassifikazzjoni għal "inġenju tal-ajru tal-injam" iridu jkunu rċevew it-taħriġ li jinsab fil-modulu L4, li jinkludi taħlita ta' struttura tal-injam b'tubi tal-metall u materjal minsuġ.
- Fil-każ tal-liċenzji B3 u B1.2 qed nitkellmu dwar limitazzjonijiet li jistgħu jitneħħew bl-esperjenza. L-opinjoni tal-Aġenzija hija li jkun aħjar jekk dawn il-limitazzjonijiet jinżammu separati sabiex tkun tista' titneħħa waħda jew l-oħra jekk il-persuna ma jkollhiex esperjenza dwar waħda mill-istrutturi.

- (8) "CAA-Netherlands" u "CAA-Sweden" talbu kjarifika dwar xi tfisser "limitazzjoni", b'mod partikolari jekk tfissirx attività li tista' tiġi ċċertifikata jew attività li ma tistax tiġi ċċertifikata.

L-Aġenzija taqbel li hemm xi inkonsistenzi fir-regolament. Pereżempju:

- 66.B.305 tirreferi għal "eżamijiet meħtieġa sabiex tiġi żgurata konverżjoni mingħajr limitazzjonijiet", li jfisser li l-limitazzjoni tirreferi għal kompiti li ma jistgħux jiġu ċċertifikati.
- Il-Partita 15 fil-Liċenzja tal-Parti 66 (Appendiċi V tal-Parti 66) tiddikjara li "jekk ma jkun hemm ebda limitazzjoni applikabbli, il-paġna LIMITAZZJONIJIET għandha tinħareġ b'dikjarazzjoni "Ebda limitazzjoni"". Dan ukoll ifisser li l-limitazzjoni tirreferi għal kompiti li ma jistgħux jiġu ċċertifikati.
- Il-Parti 145 tuża wkoll limitazzjonijiet biex tirrestrinġi l-ambitu tal-attivitajiet, li jfisser li l-limitazzjoni tirreferi għal kompiti li jistgħu jiġu ċċertifikati.

Għalkemm l-Aġenzija ddeċidiet li tiddikjara li l-limitazzjonijiet approvati fuq liċenzja B3 huma kompiti li ma jistgħux jiġu ċċertifikati, naqblu li f'xi każijiet jista' jkun aktar prattiku li ssir referenza għal kompiti li jistgħu jiġu ċċertifikati, pereżempju meta l-privileġġi jkunu

żgħar ħafna meta mqabbla mal-kompiti li ma jkunux awtorizzati. F'dawk il-każijiet, mhuwiex prattiku li jiġu elenkati l-kompiti kollha li ma jistgħux jiġu ċertifikati.

Jista' jkun meħtieġ il-ħolqien ta' aktar regoli fil-futur sabiex jiġu indirizzati dawn l-inkonsistenzi kollha.

### **Reazzjonijiet relatati mal-privileġġi tal-Liċenzja L:**

- (9) Il-"British Gliding Association", id-"Dutch Gliding Association" u l-"European Gliding Union" talbu li l-"ispezzjonijiet annwali" jkunu parti mill-privileġġi ta' L Limitata. Barra minn hekk, CAA-Sweden talbet li l-livelli L Limitata u L Sħiħa jingħaqdu f'livell wieħed.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li ż-żewġ livelli għadhom meħtieġa sabiex persunal ta' manutenzjoni b'inqas esperjenza jkun jista' jaċċessa l-industrija malli jintlaħqu xi standards raġonevoli. Madankollu, il-privileġġi tagħhom għandhom jikkorrispondu għall-għarfien bażiku u l-esperjenza akkwistata.

Madankollu, l-Aġenzija ddeċidiet li tippermetti detenturi tal-Liċenzja L Limitata iwettqu spezzjonijiet annwali u spezzjonijiet ta' 100 siegħa. Sabex dan ikun jista' jsir, il-moduli L4.5, L5.7, L6.7, u L8.14 tal-Appendiċi VII tal-Parti 66, li huma applikabbli għal-Liċenzja Limitata L, ġew immodifikati sabiex jinkludu 100 siegħa u spezzjonijiet annwali. Barra minn hekk, il-modulu L9 "Proċeduri ta' spezzjoni fiżika" tressaq mis-sillabu ta' L Sħiħa għal dak ta' L Limitata.

- (10) Il-"British Gliding Association", il-"European Gliding Union" u "AustroControl-Austria" esprimew it-tħassib tagħhom dwar kif ser jiġi rilaxxat xogħol tal-avjonika għal sailplanes.

Rigward din il-kwistjoni, l-Aġenzija evalwat u ċaħdet dawn l-opzjonijiet:

- L-inklużjoni ta' privileġġi sħaħ fil-Liċenzja L għal sistemi avjoniċi. Madankollu, dan ma kienx possibbli f'dan l-istadju peress li s-sillabu li jinsab fl-Appendiċi VII tal-Parti 66 ma jkoprix dawn is-sistemi.
- L-estensjoni tal-privileġġi tal-liċenzja B2 biex ikopru sailplanes, blalen tal-arja u airships. Madankollu, dan ma jsolvix il-problema għall-komunità tal-Avjazzjoni Ġenerali peress li ftit biss detenturi ta' liċenzji B2 jsitgħu jkunu lesti li jaħdmu f'dan il-qasam. Barra minn hekk, tkun meħtieġa definizzjoni mill-ġdid tal-klassifikazzjonijiet għal-liċenzja B2.

Bħala konsegwenza, l-opzjoni finali magħżula mill-Aġenzija hija li żżomm taħt ir-regoli nazzjonali (66.A.100) ix-xogħol fuq sistemi avjoniċi għal inġenji tal-ajru apparti minn ajruplani u ħelikopters u tipproċedi b'azzjoni ulterjuri ta' ħolqien ta' regoli (kompitu 66.027) sabiex tiżviluppa sistemi ta' ħruġ ta' liċenzji għal inġiniera tal-avjonika adattati għall-Avjazzjoni Ġenerali.

Madankollu, il-Liċenzja L xorta tippermetti r-rilaxx għal servizz ta' dawn li ġejjin (66.A.20(a)5):

- Xogħol fuq kwalunkwe sistema avjonika li teħtieġ testijiet sempliċi sabiex jiġi ppruvat li dawn jistgħu jiġu sservisjati u li ma jeħtiġux *troubleshooting*.

- Xogħol fuq sistemi tar-radju, komunikazzjoni u transponder jekk il-klassifikazzjoni "Radio-Comm/Transponder" tiġi kklassifikata fil-Liċenzja L Sħiħa.

(11) Ċertu numru ta' reazzjonijiet urew xi nuqqas ta' ftehim fir-rigward tal-privileġġi tal-Liċenzja L.

L-Aġenzija tixtieq tagħmel il-kjarifiki li ġejjin dwar dan il-punt:

- Il-Liċenzja L ma tinkludix klassifikazzjonijiet ta' inġenji tal-ajru jew ta' tipi ta' magni u, bħala konsegwenza, taħriġ dwar it-tip jew eżami dwar it-tip lanqas mhu meħtieġa għal inġenji tal-ajru jew magni. Ebda involviment mill-manifatturi mhu meħtieġ.
- Il-klassifikazzjonijiet differenti li jinsabu f'Liċenzja L jinkisbu ladarba jintlaħqu r-rekwiżiti ta' għarfien bażiku u esperjenza.
- Il-klassifikazzjoni "impjant tal-enerġija" approvat fuq il-Liċenzja L Limitata tippermetti r-rilaxx għal servizz ta' xogħol imwettaq fuq kwalunkwe impjant tal-enerġija installat fuq inġenju tal-ajru kopert mil-Liċenzja L.
- L-istess persuna jista' jkollha l-klassifikazzjoni għall-airframe u l-klassifikazzjoni għall-impjant tal-enerġija. It-taħriġ li jkopri ż-żewġ klassifikazzjonijiet idum madwar xahar u, madankollu, mhuwiex obligatorju, peress li huwa suffiċjenti li jitlestew b'mod sodisfaċenti l-eżamijiet korrispondenti.

L-Aġenzija ser tipproduċi materjal AMC/GM addizzjonali.

### **Reazzjonijiet relatati mar-rekwiżiti ta' għarfien bażiku għal-Liċenzja L (66.A.25(b)):**

(12) Il-"British Gliding Association" esprimiet it-tħassib tagħha li mhux ser joħorġu biżżejjed organizzazzjonijiet tal-Parti 147 sabiex jipprovdu taħriġ bażiku għal-Liċenzja L u talbet li Assoċjazzjonijiet Sportivi Nazzjonali li jkollhom il-fiduċja tal-awtorità kompetenti tagħhom jistgħu jkomplu jwettqu din il-funzjoni.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija din li ġejja:

- Taħriġ bażiku għal-Liċenzja L (66.A.25(b)) mhuwiex obligatorju kif permess minn 66.A.25(c) għalkemm f'dan il-każ l-esperjenza meħtieġa hija sena minflok 6 xhur.
- Eżami bażiku huwa obligatorju.
- Taħriġ bażiku u eżami bażiku jistgħu jiġu pprovduti minn Assoċjazzjonijiet Sportivi Nazzjonali jekk ikunu approvati mill-awtorità kompetenti (ara 66.A.25(b)). Bħala konsegwenza, in-nuqqas ta' organizzazzjonijiet tal-Parti 147 jista' jiġi kkompensat b'din is-soluzzjoni.

### **Reazzjonijiet relatati maż-żieda fil-livell ta' Liċenzja L:**

(13) Il-"British Gliding Association" talbet il-possibbiltà li tikseb krediti għal għarfien u esperjenza akkwistati fil-livell tal-Liċenzja L sabiex tikseb liċenzja "A" jew "B".

L-Aġenzija tinnotta li l-Liċenzja L ma tistax tiġi estiża f'xi kategorija/sottokategorija oħra minħabba r-rekwiżiti ta' kwalifikazzjoni ferm issimplifikati tagħha u n-numru kbir ta' klassifikazzjonijiet differenti disponibbli. Madankollu, dan ma jwaqqafx lill-awtorità

kompetenti milli tagħti krediti ta' eżaminazzjoni jekk tkun tista' tintwera ekwivalenza b'mod konformi ma' 66.A.25(e).

### **Reazzjonijiet relatati mat-tipi differenti ta' sailplanes u sailplanes b'magni:**

- (14) "CAA-United Kingdom" talbet kjarifika dwar liema klassifikazzjonijiet huma neċessarji fil-Liċenzja L sabiex tirrilaxxa t-tipi differenti ta' sailplanes u sailplanes b'magni, li jinkludi fost oħrajn "Touring Motor Gliders", "Self Launching Motor Gliders", "Self Sustaining Motor Gliders".

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li kwalunkwe sailplane armat b'magna jitqies bħala "sailplane b'magna" u jeħtieġ il-klassifikazzjoni "impjant tal-enerġija" sabiex tirrilaxxa xogħol fuq tali magna. Din hija r-raġuni għalfejn din l-opinjoni tirreferi biss għal "sailplanes" u "sailplanes b'magni", li jaqblu mat-titolu ta' CS-22 "Speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, inklużi kodiċi ta' ajrunavigabbiltà u mezzi aċċettabbli ta' konformità għal sailplanes u sailplanes b'magni".

### **Reazzjonijiet relatati mat-tiġdid ta' liċenzji tal-Parti 66:**

- (15) Il-"British Gliding Association" esprimiet tħassib relatat mal-ispiża tal-proċess imġedded ta' liċenzji tal-Parti 66 u pproponiet li temenda d-Deċiżjoni 2007/018/R. Din l-organizzazzjoni qajmet ukoll dubji dwar il-ħtieġa għal tiġdid u pproponiet li tissostitwiha b'rekwiżiti ta' reċentezza.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li diġà jeżistu rekwiżiti ta' reċentezza sabiex jiġu eżerċitati privileġġi ta' ċertifikazzjoni. Jekk jiġu introdotti fir-rekwiżiti tal-ħruġ ta' liċenzji. Dan jimponi piż sinifikanti fuq l-awtoritajiet kompetenti u d-detenturi ta' liċenzji peress li l-liċenzja b'hekk issir invalida u jkun meħtieġ li terġa' tinħareġ mill-ġdid.

Fir-rigward tal-ħtieġa għal tiġdid, din ġiet evalwata bħala parti mill-kompitu 66.008 li wassal għad-Deċiżjoni 2007/018/R. Dan it-tiġdid isir kull 5 snin u ma jinvolvix spiża sinifikanti peress li huwa tiġdid purament amministrattiv sabiex jiġi vverifikat li l-liċenzja taqbel mal-fajls tal-awtorità kompetenti u li ebda azzjonijiet mhuma pendenti skont 66.B.500.

### **Reazzjonijiet relatati mal-użu tal-Liċenzji B3 u L għal persunal ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà:**

- (16) Il-"European Sailplane Manufacturers" talbu li M.A.707 fil-Parti M tiġi riveduta sabiex tippermetti l-użu ta' Liċenzji B3 u L għal persunal ta' reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

L-Aġenzija taċċetta l-proposta u ser temenda AMC M.A.707(a), partita 4, kif imiss.



**Reazzjonijiet li jipproponu rekwiżiti speċifiċi ta' ħruġ ta' liċenzji għal Ajruplani Sportivi Ħfief (Light Sport Ajruplani - LSA):**

- (17) Il-"Finnish Aeronautical Association", il-"Light Aircraft Association of the Czech Republic" u "Flightdesign" talbu l-ħolqien ta' liċenzja speċifika għal **Ajruplani Sportivi Ħfief (Light Sport Ajruplani - LSA) taħt is-600 Kg** peress li jikkunsidraw ir-rekwiżiti tal-Liċenzja L bħala eċċessivi. Huma argumentaw ukoll li s-sillabu tipiku għal Liċenzja L Sħiħa li tkopri materjali differenti jista' jieħu madwar 190 siegħa waqt li s-sistema FAA hija biss 120 siegħa.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li l-objettiv tal-kompitu li jwassal għal din l-opinjoni kien li joħloq sistema ta' ħruġ ta' liċenzji adattata għall-komunità tal-Avjazzjoni Ġenerali. Dan inkiseb bil-ħolqien tal-Liċenzja B3 u l-Liċenzja L. Barra minn hekk, il-Liċenzja L inqasmet f'L Limitata u L Sħiħa sabiex tippermetti lil persunal ta' manutenzjoni b'inqas esperjenza biex ikollhom aċċess għall-industrija malli jintlaħqu xi standards raġonevoli.

Barra minn hekk, id-definizzjoni Ewropea proposta ta' LSA tkopri inġenji tal-ajru aktar kumplessi mill-ekwivalenti tagħha fl-Istati Uniti. Dan ifisser li mhuwiex possibbli li jiġi mqabbel biss it-tul ta' żmien tal-Liċenzja L mat-tul taż-żmien tal-liċenzja FAA.

Il-ħolqien ta' liċenzja speċifika għal LSA ikun ifisser piż addizzjonali għall-awtoritajiet nazzjonali u jagħmilha wkoll aktar diffiċli għad-detenturi ta' liċenzji LSA biex jaħdmu fuq inġenji tal-ajru oħrajn taħt l-1000 Kg (ikollhom bżonn jiksbu Liċenzja L separata). L-Aġenzija ma ssib ebda ġustifikazzjoni għal dan il-piż meta tqis li qed nitkellmu dwar l-iffrankar possibbli ta' ftit siegħat ta' taħriġ.

**Reazzjonijiet relatati mal-manutenzjoni ta' komponenti:**

- (18) "Europe Air Sports" irrakkomandaw li l-parachutes ETSO jiġu eżentati mir-rekwiżiti tal-Parti 66 u li minflok jintużaw rekwiżiti nazzjonali.

L-Aġenzija tosserva li dan diġà huwa l-każ. Il-manutenzjoni ta' Parachutes ETSO hija kkunsidrata bħala "manutenzjoni ta' komponent", u bħala tali, 66.A.200 tirreferi għal regoli nazzjonali.

- (19) "CAA-Sweden" talbet kjarifika dwar kif hija kklassifikata l-manutenzjoni fuq ġett u impjanti tal-elettriku installati fuq sailplanes.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hija li l-manutenzjoni mwettqa fuq l-interfaċċa, is-sistema ta' retrazzjoni u ta' provvista tal-impjant tal-enerġija titqies bħala manutenzjoni ta' inġenju tal-ajru u tista' tiġi rilaxxata mal-Liċenzja L (din hija koperta mill-moduli L7.9 u L7.10 tal-Appendiċi VII tal-Parti 66). Madankollu, il-manutenzjoni mwettqa fuq l-impjant tal-enerġija nnifsu titqies bħala "manutenzjoni ta' komponent", u bħala tali, 66.A.200 tirreferi għal regoli nazzjonali.

**Reazzjonijiet riċevuti mingħand CAA-Netherlands fir-rigward tar-risposti pprovduti f'CRD2008-03:**

- (20) "CAA-Netherlands" ikkummentaw li l-esperjenza dwar l-operat ta' inġenji tal-ajru meħtieġa f'66.A.30 tista' tinkiseb fi kwalunkwe organizzazzjoni ta' manutenzjoni (pereżempju l-Parti 145, Subparti-F, FAR-145) jew taħt is-superviżjoni ta' persunal indipendenti ta' ċertifikazzjoni.

L-Aġenzija taqbel mal-kumment. Materjal AMC ser jiġi miżjud.

- (21) "CAA-Netherlands" talbet kjarifika dwar għalfejn iddaħħlet rata ta' tlestija ta' 80% għal blalen tal-arja u airships f'AMC 66.A.30(a)6 u 7.

L-Aġenzija daħħlet din ir-rata ta' 80% peress li t-tabella relatata ma' blalen tal-arja u airships li tinsab fl-Appendiċi II għall-AMC tal-Parti 66 ġiet żviluppata b'numru aktar baxx ta' partiti minn dak għal inġenji tal-ajru oħrajn. L-Aġenzija kkunsidrat dan bħala 80% importanti sabiex tiżgura li l-applikant jikseb l-esperjenza xierqa.

- (22) "CAA-Netherlands" ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-Aġenzija li ma tinkludix fil-lista ta' klassifikazzjonijiet ta' tipi (Appendiċi I għall-AMC tal-Parti 66) it-tip ta' liċenzja (B1, B3, L) applikabbli għal kull klassifikazzjoni meta jiġi kkunsidrat il-piż tal-inġenju tal-ajru.

Il-pożizzjoni tal-Aġenzija hi li dan mhuwiex possibbli peress li l-istess mudell ta' inġenju tal-ajru, armat b'opzjonijiet differenti tal-konsumatur, jista' jeħtieġ liċenzja differenti. Il-piż tal-inġenju tal-ajru huwa speċifiku għal kull reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru. Dan il-piż jista' jinsab fil-Manwal tat-Titjira, li jrid jibqa' abbord l-inġenji tal-ajru.

- (23) "CAA-Netherlands" talbu li tkun meħtieġa l-istess età minima għal persunal ta' ċertifikazzjoni fl-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni tal-Parti 145 (preżentament 21 sena) u fl-organizzazzjoni ta' manutenzjoni tas-Sottoparti F (preżentament 18-il sena).

L-Aġenzija tosserva li r-rekwiżit ta' età ta' 21 sena huwa applikabbli biss għal persunal ta' ċertifikazzjoni f'organizzazzjonijiet tal-Parti 145 minħabba l-kumplessità akbar tal-organizzazzjoni u l-proċeduri assoċjati. Madankollu, għal organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni tas-Sottoparti F l-Aġenzija tikkunsidra l-limitu ta' 18-il sena bħala raġonevoli.

- (24) "CAA-Netherlands" irrimarkaw li r-risposta għall-kumment 22 tas-CRD2008-03 għandha tinkludi l-possibbiltà li jiġu rilaxxati "kompiti ta' manutenzjoni kumplessi" mhux biss għal organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni tas-Sottoparti F iżda wkoll minn organizzazzjonijiet tal-Parti 145.

L-Aġenzija taqbel mal-kumment. Madankollu, mhemmx bżonn li tinbidel ir-regola jew il-materjal AMC/GM peress li dan huwa ċar fil-kuntest preżenti. Il-fatt li M.A.801(b) tirreferi biss għal organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni tas-Sottoparti F huwa għaliex M.A.801 ma tapplikax għal inġenji tal-ajru rilaxxati taħt il-Parti 145 (irreferi għal M.A.801(a)). Organizzazzjoni ta' manutenzjoni tal-parti 145 tista' ċertament tirrilaxxa tali kompiti.

- (25) "CAA-Netherlands" esprimew l-opinjoni tagħhom illi s'issa, jekk għal sottokategoriji differenti ta' liċenzji fi ħdan modulu partikolari tal-Appendiċi I tal-Parti 66, is-suġġett / livell kien identiku dan kien ifisser rekwiżiti identiċi, li jagħmilha faċli biex jiġi kkreditat. Bħala konsegwenza, huma jopponu l-introduzzjoni f'xi moduli tas-sentenza "Fil-każ tal-kategorija B3, l-ambitu ta' dan il-modulu għandu jirrifletti t-teknoloġija ta' ajruplani pertinenti għal din il-kategorija".

L-Aġenzija taqbel mal-kumment.

Bħala konsegwenza, inħolqu moduli separati 7B, 9B, 11C u 17B għal-liċenzja B3 u l-ismijiet preżenti tal-moduli 7, 9 u 17 inbidlu għal 7A, 9A u 17A sabiex jiġi żgurat li anki meta l-livell ta' taħriġ (livelli 1, 2 jew 3) għal xi suġġetti jkun l-istess bħal għal B1.2, il-kontenut ta' taħriġ mhuwiex l-istess. Fil-fatt, il-kontenut tal-kors għal-liċenzja B3 irid jiġi żviluppat waqt li tiġi kkunsidrata l-kumplessità aktar baxxa tat-teknoloġija u l-ambjent ta' manutenzjoni li tinsab f'din il-kategorija ta' inġenji tal-ajru. Inkella, ikun impossibbli li jinkiseb it-tnaqqis mixtieq tat-tul ta' żmien tat-taħriġ (1000 siegħa).

- (26) "CAA-Netherlands" ikkummentaw li l-klassifikazzjoni "inġenju tal-ajru tal-injam" għadha ma tinkludix it-taħlita ta' ġwienan tal-injam ma' qafas magħmul minn tubi tal-metall.

L-Aġenzija fformulat mill-ġdid is-submodulu L4.1 tal-Appendiċi VII tal-Parti 66 sabiex tagħmilha ċara li t-taħriġ ikopri kwalunkwe taħlita ta' strutturi ta' injam / tubi tal-metall u drapp minsuġ.

L-Aġenzija emendat ukoll il-punt 66.A.1(d) skont kif ġej:

*"Il-klassifikazzjonijiet "airframe tal-injam", "inġenju tal-ajru tal-injam" u "sailplane tal-injam" ikopru wkoll il-kombinament ta' strutturi tal-injam ma' tubji tal-metall u drapp minsuġ".*

- (27) "CAA-Netherlands" ikkummentaw li anki jekk il-liċenzja B3 ma tinkludi ebda sottokategorija A, id-detentur tal-liċenzja B3 jista' jiċċertifika kompiti mekkaniċi sempliċi fuq ajruplani mingħajr pressjoni taħt l-2000 Kg.

L-Aġenzija taqbel mal-kumment u dan huwa l-punt li l-partita 4 ta' GM 66.A.20(a) kienet qed tiċċara f'CRD2008-03.

- (28) "CAA-Netherlands" ipproponew li t-titolu tal-punt 66.A.45 jinbidel sabiex jirreferi wkoll għal "limitazzjonijiet tal-klassifikazzjoni B3".

L-Aġenzija taqbel parzjalment mal-proposta ħlief li ma tistax tkun speċifika għal-liċenzja B3 (irreferi għal CRD2007-07 b'limitazzjonijiet ukoll għal-liċenzja B1.2 għal inġenji tal-ajru tal-Grupp 3). It-titolu 66.A.45 ġie emendat kif meħtieġ.